MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011

Numru. 284/2011

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Stephen Nappa, iben Joseph, imwieled Pieta' fl-1 ta' Diċembru, 1980, Karta ta' l-Identita numru 554480(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-9 ta' Awwissu, 2011, għal ħabta tas-6.30 p.m. ġewwa l-Belt, Valletta:
1. ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet

ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
3. ikkometta dawn ir-reati li jikkonsistu fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lill-minuri, lill-mara tqila jew lill-persuna li tkun qed issegwi program ta' kura jew ta' riabiltazzjoni mid-dipendenza mid-drogi;
talli fl-10 ta' Awwissu, 2011 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:
4. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta me kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba li tqis lil Stephen Nappa reċidiv ta' diversi sentenzi skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Awwissu, 2011 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 8(a)(b), 9 u 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500) pagabbli fi żmien sentejn.  Minħabba li l-akkużat ibati minn problemi tad-droga tirrakomanda li jibda jsegwi programm għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.  Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------